MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 52/2000/1

**Dorianne Sammut nee' Pace**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, Kunsill Lokali tar-Rabat, Direttur tat-Toroq, GA Services Limited ghal kull interess li jista' jkollhom u GasanMamo Insurance Agency Limited ukoll ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi fis-17 ta’ Jannar 1998 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ filghodu (5.30am) l-attrici kienet qed issuq karozza Vauxhall Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni AAC-792 fi Triq il-Fiddien, il-Fiddien, Rabat, fid-direzzjoni tal-Fiddien b’ velocita’ moderata;

Illi meta waslet vicin tumbata qawwija u diversi hofor li kienu ta’ perikolu lis-sewwieqa hija gibdet fuq ix-xellug taghha biex tevita il-hofor u tumbati bil-konsegwenza li dahlet fil-hajt jew cint u l-vettura taghha inqalbet u spiccat fuq is-saqaf mal-genb tat-triq;

Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghal dan l-incident stante li saru xogholijiet u riparazzjonijiet hziena fuq it-triq, fil-post tal-incident (u qabel l-incident);

Illi inoltre dak suespost, il-konvenuti naqsu milli jaghmlu xogholijiet necessarji fit-triq fejn gara l-incident;

Illi l-konvenuti naqsu ukoll li jaghmlu it-tabelli necessarji u jiehdu il-prekawzjonijiet necessarji ohra biex jindikaw lis-sewwieq li t-triq kellha hofor u tumbati kbar li setghu kienu ta’ xkiel u perikolu ghas-sewwieqa u fi zmien tal-incdient u qabel bil-konseggwenza li n-nuqqas taghhom wassal ghal tali incident;

Illi fl-istess jum, wara l-incident, saru *barriers* mill-pulizija biex jindikaw lis-sewwieqa li dawn il-hofor u tumbati kienu ta’ perikolu ghas-sewwieqa u ftit wara saru ir-riparazzjonijiet necessarji fuq it-triq fejn gara l-incident u dan biex jitnehha l-perikolu ghas-sewwieq u biex jigu evitati incidenti simili sofferti mill-attrici;

Illi minhabba dan l-incident awtomobilistiku l-attrici soffriet danni kbar fuq il-vettura liema hsarat fuq il-vettura kienu stmati ghal madwar elf u disa’ mitt lira maltin (Lm1900);

Illi minhabba dan l-incident awtomobilistiku l-attrici hallset is-somma ta’ elf hames mija u lira maltin u sbatax-il centezmu (Lm1501.17) biex issewwi l-karozza taghha u oltre dan soffriet danni ohra stante li naqas il-valur tal-

vettura u tilfet l-uzu tal-karozza meta din kienet qed tissewwa u li damet ghal zmien sena biex tissewwa;

Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident u ghad-danni hekk sofferti mill-attrici;

Illi minkejja interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni ta' hlas tad-danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici tablet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti: -

1. tiddikjara li l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Jannar 1998 f' Fiddien Road, Fiddien, Rabat;

2. tillikwida d-danni subiti mill-attrici u dan wara n-nomina ta' perit tekniku jekk ikun il-kaz;

3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attrici;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-listta tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tat-Toroq fejn gie eccepit: -

1. Illi l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-manutensjoni ta' Triq il-Fiddien gewwa r-Rabat ma taqax taht il-mansjoni tad-Dipartiment tat-Toroq;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma saru l-ebda rikjesti lill-eccipjent sabiex jinhargu permessi ghall-esekuzzjoni ta' xoghlijiet fit-triq fuq menzjonata fil-perjodu taz-zmien meta gara l-incident in kwistjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-kollizjoni indikata fic-citazzjoni li grat unikament minhabba negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited fejn gie eccepit:

1. Illi l-attrici (a) ghandha tipprova l-interess guridiku taghha u li ghandha dritt tippromwovi l-azzjoni u (b) m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-eccipjenti u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mil-osservanza bl-ispejjes kontra l-attrici;

2. Illi fit-tieni lok, stante li huwa gie imharrek *di proprio*, huwa m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz, u ghal din ir-raguni wkoll ghandu jigi liberat mill-osservanza bl-ispejjes kontra l-attrici.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal-premess jinghad illi l-konvenut G A Services Limited kien kopert minn contract works liability policy mahruga mis-socjeta estera Royal International Insurance Holdings Limited, u kull talba fir-rigward hija soggetta u cirkoskritta mil-kondizzjonijiet tal-istess polza, fosthom partikolarment l-klawsola 5 fl-Endorsement 1 u l-conditions 3a u 3d tal-istess polza kif wkoll excess ta' Lm 500;.

4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja l-azzjoni hija preskritta fil-konfront eccipjent u tal-konvenut GA Services Limited a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu, l-incident ma garax tort tal-eccipjent jew ta' GA Services Limited u konsegwentement it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta kovenuta GA Services Ltd fejn gie eccepit:-.

Prenarjament illi l-azzjoni proposta mill-atturi fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti hija preskritta bit-terminu ta' sentejn mid-data tad-danni sofferti fl-incident allegat;

Minghajr pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni, illi d-domanda attrici fil-konfront tas-socjeta eccipjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghal-incident imsemmi s-socjeta eccipjenti ma kellha l-ebda tort;

Minghajr pregudizzju ghal-ewwel zewg eccezzjonijiet, f' kaz li din il-Qorti issib lis-socjeta' eccipjenti responsabbli tad-danni li qed jigu reklamati mill-attrici, din hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta konvenuta l-ohra, Gasan Mamo Agency Ltd li f'kaz ta' sejba ta' htija, ghandha tigi kkundanata thallas d-danni hi in vista tal-polza ta' assigurazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta GA Services Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kunsill Lokali Rabat fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici huma nfonfati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident awtomobilistiku indikat fic-citazzjoni odjerna;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ma kienx involut fix-xogholijiet u riparazzjonijiet li allegatament ikkawzaw l-incident;

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront ta' l-eccipjent u dana ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kunsil Lokali Rabat debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ejn gie eccepit illi fir-rigward taghhom it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobolistiku ndikat fic-citazzjoni gara mhux minhabba xi nuqqas da parti ta' l-istess Korporazzjoni, imma minhabba nuqqas da parti ta' l-istess attrici u/jew ta' terzi persuni u ghalhekk l-istess talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess Korporazzjoni eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghho;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta'Frar 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti Kunsil Lokali Rabat u s-socjeta konvenuta GasanMamo rtiraw l-eccezzjoni taghom rigwardanti l-preskrizzjoni;

Rat il-verbnal tas-seduta tal-4 ta' Apri 2001 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta GA ukoll irtirat l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni;

Rat l-istess verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2001 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta GasanMamo irtirat l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni taghha rigwardanti l-interess guridiku tal-attrici u d-dritt tal-attrici li tippromwovi l-azzjoni;

Semghet l-attrici u x-xhieda minnha prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta'Dicembru 2002 minn fejn jirrizulta li l-attrici cediet il-meritu tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Direttur tat-Toroq u fil-konfront tal-konvenuti

Kunsill Lokali tar-Rabat pero' zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenuti

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat in-nota tal-attrici tat-2 ta' Awissu 2004 li biha regghet cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti Kunsil Lokali Rabat u Direttur tat-Toroq u dan minnghajr riservi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta GasanMamo;

Rat in-nota ta sottomissjoni tal-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta konvenuta GA Services;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Il-konvenuti f'din il-kawza huma l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, il-Kunsill Lokali tar-Rabat, id-Direttur tat-Toroq, is-socjeta GA Services Limited u s-socjeta assikuratrici GasanMamo Insurance Agency Limited. L-attrici, fil-kors tas-seduta tad-9 ta'Dicembru 2002, cediet il-meritu tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Direttur tat-Toroq u fil-konfront tal-konvenuti Kunsill Lokali tar-Rabat pero' zammet ferm il-kap tal-ispejjez. B'nota sussegwenti tat-2 ta' Awissu 2004 l-attrici kkonfermat li kienet qed iccedi l-atti tal-kawza fil-konfront tal-imsemmija konvenuti Kunsil Lokali Rabat u Direttur tat-Toroq pero' din id-darba l-attrici ma ghamlet l-ebda riserva dwar il-kap tal-ispejjez. Minn dan kollu jirrizulta li l-attrici cediet it-talbiet taghha fil-konfront tal-imsemmija zewg konvenuti minnghajr ebda riservi. Konsegwentement il-Qorti ghandha tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront taz-zewg

konvenuti Kunsill Lokali tar-Rabat u l-konvenut Direttur tat-toroq. Jibqa ghalhekk li t-talbiet attrici jigi decizi fil-konfront tal-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, s-socjeta GA Services u s-socjeta assikuratrici GasanMamo;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet involuta f'incident stradali li sehh fis-17 ta' Jannar 1998 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu (5.30am) fi Triq il-Fiddien, il-Fiddien, Rabat. L-attrici kienet sejra lejn il-lokalita' mgarufa bhala l-Fiddien. L-attrici kienet qed issuq il-vettura taghha tal-marka Vauxhall Corsa bin-numru ta' registrazzjoni AAC-792;

L-attrici ssostni li kienet ghaddejja b'velocita' moderata u meta waslet vicin tumbata qawwija u diversi hofor hija gibdet ghal fuq ix-xellug taghha biex tevita il-hofor u tumbata bil-konsegwenza li dahlet fil-hajt jew f'cint u l-vettura li kienet qed issuq inqalbet u spiccat fuq is-saqaf taghha mal-genb tat-triq. Skond l-attrici l-konvenuti huma unikament responsabbli ghal dan l-incident stante li x-xogholijiet u r-riparazzjonijiet relattivi, li kienu saru qabel l-incident de quo, fit-triq in kwestjoni, saru b'mod hazin u inoltre l-konvenuti naqsu li jaghmlu it-tabelli necessarji u jiehdu il-prekawzjonijiet necessarji ohra biex jindikaw lis-sewwieqa li t-triq kellha hofor u tumbata kbira li setghu kienu ta' xkiel u perikolu ghall-istess sewwieqa. Ghalhekk l-attrici ssostni li dawn in-nuqqasijiet tal-konvenuti wasslu ghall-icident in kwestjoni;

Effettivament, skond l-attrici, ftit granet wara li sehh l-incident saru sinjali li kienu jindikaw li kien hemm it-tumbata u l-hofor in kwestjoni. Sussegwentement saru ukoll ir-riparazzjonijiet necessarji;

L-attrici tallega li f'dan l-incident sofriet danni konsistenti fi hsarat fl-imsemmija vettura taghha u inoltre l-istess vettura damet biex tissewwa kwazi sena. L-attrici ssostni li l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsekwenzjali. Ghalhekk l-attrici qd titlob li l-konvenuti jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni. Qed titolb ukoll li jigu likwidati d-

danni sofferti minnha u li l-konvenuti jigu kundannati ihallsu d-danni hekk likwidati;

Xi uhud mill-kovenuti eccpipew il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dawn l-istess konvenui pero' fil-mori tal-kawza irtiraw din l-eccezzjoni u ghalhekk mhux il-kaz li tigi esamnata ulerjorment din l-eccezzjoni;

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li s-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited irtirat l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni taghha rigwardanti l-interess guridiku tal-attrici u d-dritt tal-attrici li tippromwovi din l-azzjoni. Konsegwentement dawn l-eccezonijiet m'ghandhomx jigu esaminati ulterjorment;

L-istess socjtea assikuratrici eccepit fost affarijiet ohra li m'hemmx relazzjoni guridika mal-attrici u konsegwentement l-istess socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mil-osservanza tal-gudizzu. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-eccezzjoni ghandha tigi akkolta appuntu peress li ma tirrizulta ebda relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-istess socjeta assikuratrici. In effett jirrizulta li x-xogholijiet in kwestjoni kienu gew esegwiti mis-socjeta konvenuta l-ohra GA Services Limited. Din is-socjeta konvenuta tal-ahhar kienet assikurata ghar-rigward tal-istess xogholijiet mas-socjeta assikuratrici konvenuta GasanMamo, li inoltre tidher li kienet qed tagixxi bhala agent ta socjeta assikuratrici ohra estera;

Bl-ebda mod ma jista jinghad li jirrizulta li din is-socjeta konvenuta GasanMamo setghet kienet responsabbli ghal incident in kwestjoni. Kwindi ma tista qatt tigi ritenuta responsabbli ghall-istess incident u ghad-danni konsekwenzjali. Jista jkun li din is-socjeta konvenuta assikuratrici ghandha relazzjoni guridika mal-imsemmija socjeta konvenuta l-ohra GA Services. Li missa ghamlet l-attrici, skond il-ligi, hu li bghatet lis-socjeta konvenuta assikuratrici, bhala assikuraturi tas-socjeta li esegwit ix-xogholijiet, biex tinforma ufficjalment li nbdew dawn il-proceduri kontra l-assikrati taghha. Ghalhekk ghar-rigward tat-talbiet attrici s-socjeta assikuratrici GasanMamo ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzju pero'

dan minnghajr pregudizzju ghal kull obbligu li jista jkolla l-istess socjeta konvenuta assikuratrici fil-konfront tal-assikurati taghha GA Services Limited;

Is-socjeta kovenuta GA Services Limited qed teccepixxi li ma ghandha l-ebda responsabilita' ghall-incident in kwestjoni;

Il-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma qed jeccepixxu li l-incident inkwestjoni ma sehhx minhabba xi nuqqas da parti ta' l-istess eccipjenti, imma gara minhabba nuqqas da parti ta' l-istess attrici jew da parti ta' terzi;

Skond kif huma redatti t-talbiet attrici u fid-dawl tal-imsemija ecezzjonijiet li fadal li jigu decizi, sta ghall-istess attrici li tipprova li hi ma kellha ebda responsabilita ghar-rigward tal-incident u li l-istess konvenuti li fadal, cioe' l-konvenuti GA Services Limited u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, huma unikament responsabbli ghall-incident;

Kif gia gie rilevat jirrizulta illi kienet is-socjeta' konvenuta GA Services Limited li kienet haffret xi trinek u hofor fil-post in kwetjoni. Dawn ix-xogholijiet saru fuq l-inkariku tal-Korporazzjoni konvenuta u skond l-istess Korporazzjoni hi hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex jigi assigurat li s-socjeta GA Services kellha l-kwalitajiet u l-hiliet kollha necessarji sabiex tesegwixxi dan l-inkarigu.

L-attrici ssostni li kienu x-xogholijiet u riparazzjonijiet hziena li kienu li saru fit-triq in kwestjoni li kienu l-kawza ta' dan l-incident. Skond l-attrici x-xogholijiet ma sarux sew u barra minn hekk il-konvenuti, cioe s-socjeta GA Services u l-Korporazzjoni tal-Ilma, naqsu li jaghmlu s-sinjali necessarji biex jindikaw li ien hemm tumbata u hofor fit-triq. Is-soceta konvenuta GA Service, in effett, tammetti li t-tumbata in kwestjoni kienet rizultat tax-xoghol li kien sar mill-istess socjeta konvenuta;

Jirrizulta ukoll sufficjentement li Il-Korporazzjoni konvenuta ma ghamlitx xogholha sewwa u dan billi ma sar ebda spezzjonar tax-xoghol li kien ghamel il-kuntrattur u bl-ebda mod ma assikurat ruhha li l-istess xoghol kien sar sew u ma kien thalla xejn li seta kien ta' perkolu ghas-sewwiqa ta karozzi u ohrajn li kienu jiuzaw l-istess triq. F'dan ir-rigward il-foreman tal-Korporazzjoni konvenuta kkonferma li huwa qatt ma mar fuq il-post fejn saru x-xogholijiet. Il-Principal Foreman tad-Distrett tal-istess Korporazzjoni konvenuta ma setghax jikkonferma li huwa jew xi ufficjal iehor tal-istess Korporazzjoni qatt marru fuq il-post biex jispezzjonaw kif kien qed isir ix-xoghol;

Ghalhekk jirrizulta li l-Korporazzjoni konvenuta u l-kuntrattur ma kkordinawx ix-xoghol taghhom. Jirrizulta ukoll li meta l-kuntrattur sar jaf bl-incident in kwestjoni hu lanqas biss hass il-htiega li jinforma bl-istess incident lill-Korporazzjoni konvenuta. Jirrizulta inoltre li l-kuntrattur ma qabbadx perit biex jissorvelja l-istess xogholijiet in kwestjoni. Jirrizulta inoltre, kif gia gie rilevat, li meta l-kuntrattur deherlu li kien lesta x-xoghol, huwa ma ghamel l-ebda sinjali ghar-rigward tat-tumbata u tal-hofor li kienu thallew fit-triq. In vista ta dan kollu l-Kuntrattur u anke l-Korporazzjoni konvenuta ghandhom jigu tenuti, almenu in parte, bhala responsabbli ghall-incident in kwestjoni;

L-attrici tghid li kienet ghaddejja b'velocita normali u tghid ukoll li dak il-hin ma kinitx aljenata. It-triq kienet bla dawl u, dejjem skond l-attrici, hi hadet dawk il-mizuri kollha necessarji fic-cirkostanzi inkluz li zammet “a proper look out.” L-attrici inoltre tghid li ma kinitx xurbana. L-attrici ssostni li ma jistax jinghad li bil-“proper look out” it-tumbata kienet ragjonevolment visibbli. L-attrici pero tghid li hi ndunat bit-tumbata meta kienet diversi metri l-boghod mill-istess tumbata. Inoltre l-attrici tammetti li kienet taf bix-xogholijiet li kienu saru peress li dik kienet it-triq taghha u kienet tghaddi minnha ta' spiss. Hi kienet taf

ukoll bit-tumbata. Mir-ritratti jirrizulta li din ma kinitx tumbata li tista tigi definita bhala “tumbata kbira hafna.” Hu ukoll probabbli li kieku l-attrici kienet verament ghaddejja b’velocita’ normali u kieku verament zammet “a proper look out” hi kienet tilhaq tiqaf u dan ukoll in relazzjoni tad-distanza li l-attrici tghid li kien hemm bejn meta ndunat mit-tumbata u l-istess tumbata;

Jirrizulta ukoll li t-triq hi pjuttost frekwentata u minnha jghaddu certu numru ta’ vetturi. PS 455 Emanuel Sammut jghid li kemm kien ilu stazzjonat l-ghassa tar-Rabat huwa ma rcevix rapporti ohra ta’ incidenti li sehhew fejn sehh dan l-incident;

Hi ghalhekk il-fehma ta’ din il-Qorti li l-attrici kienet ukoll responsabbli, almenu in parte, ghall-incident in kwestjoni. Jidher li l-attrici ma kellhiex kontroll shih tal-vettura u dan jista ikun dovut ghal velocita’ “eccessiva” li biha kienet ghaddejja l-istess attrici. Dan jhu ukoll indikat mid-dinamika kif sehh l-incident, b’mod partikolari kif spiccat maqluba l-vettura misjuqa mil-attrici;

In vista ta dan kollu l-attrici ppovat b’mod sufficjenti li l-incident kien konsegwenza ta kif thallew l-affarijiet meta l-kuntrattur spicca mill-istess xogholijiet, kien ukoll konsegwenza ta’ nuqqas ta spezzjonar da parti tal-Korporazzjoni konvenuta. Jirrizulta ukoll pero’ li l-incident kien ukoll in parte tort tal-attrici li kienet qed issuq b’velocita’ eccessiva ghac-cirkostanzi li kienet tinsab fihom u ma zammitx “a proper look out.” In efftt l-attrici stess ukoll tghid li t-triq kienet bla dawl u kienet ftit tax-xita. Gie stabbilit diversi drabi (ara “Dottor Remigio Zammit Pace vs Thomas Catania” deciza fis-26 ta’ Novembru 1997) li s-sewwieq ghandu jzomm kontroll shih fuq il-vettura li jkun qed isuq u ghandu dejjem ikun pront u jkun fi stat li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament;

Inoltre ghandu jigi rilevat li irrizulta li l-attrici rrapportat l-incident lill-pulizija sighat wara li sehh l-istess incident u cioe ma sarx a tempo vergine u b'hekk il-pulizija eventwalment marru fuq il-post tal-incident meta l-karozza kienet tnehhiet. Ghalhekk ma setghux jigu stabbiliti certu fatti saljenti u importanti bhal id-distanza bejn fejn spiccat il-vettura tal-attrici u t-tumbata in kwestjoni. Lanqas ma gie stabbilit esatt fejn kienet it-tumbata u l-hofor in kwestjoni. Ma setghax jigi stabbilit b'mod definittiv fejn l-atrici tilfet il-kontroll tal-karozza taghha. L-ufficjal tal-Pulizija li mar fuq il-post ma sabx debris fit-triq liema debris seta kien indikattiv ta' certi fatti li huma importanti anke ghal finijiet ta' dawn il-procedur. Lanqs biss sar skizz. Inoltre l-attrici tallega li giet mejjuna minn diversi nies li nzertaw ghaddejin mit-triq in kwestjoni, fosthom xi kaccaturi, pero' l-attrici naqset li tipproduci xi uhud minn dawn biex ixhdu;

Jista jinghad ukoll li l-Korporazzjoni konvenuta kellha tassikura li l-esekuzzjoni tax-xoghol issir b'mod tajjeb u dan billi taghmel sorveljanza u billi tesercita xi tip ta' kontroll ghar-rigward  tal-kuntrattur mqabbad minnha u dan ukoll meta skond il-kuntrattur ix-xoghol kien lest;

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu irrizulta li l-attrici kienet in parte responsabbli ghal incident in kwestjoni. Il-Korporazzjoni konvenuta u s-socjeta' konvenuta, in solidum bejnithom, ghandhom jigu ritenuti responsabbli ukoll in parte ghall-istess incident in kwestjoni u dan in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) u konsegwentement responsabbli in solidum bejnithom ghal tmenin fil-mija (80%) tad-danni kollha sofferti mill-attrici;

Jirrizulta li d-danni komplessivi jammontaw ghas-somma ta' madwar elf u disa mitt liri maltin (Lm1900) liema somma hi ragjonevoli u ma gitx kontestata mill-konvenuti. F' dan ir-rigward issir referenza ghar-ricevuti min fol 10 sa fol 14, b' mod partikolari is-survey li sar minn surveyor imqabbad mill-attrici li appuntu jindika li t-total approssimattiv sabiex isiru t-tiswijiet u danni ohra li jammontaw ghall-imsemmija somma ta' LM1900. Iz-zewg konvenuti in kwestjoni ghalhekk ghandhom jigu ritenuti responsabbli in solidum bejnithom ghal-hlas lill-attrici ta'

tmenin fil-mija (80%) tad-danni kollha sofferti mill-attrici u ghalhek ghas-somma ta’ elf u hames mija u ghoxrin liri maltin (Lm1520) ekwivalenti ghal tlett elef hames mija u erbghin punt hamsa u sittin euro (€3540.65);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddecidi billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti Direttur tat-Toroq u l-konvenuti Kunsill Lokali tar-Rabat stante cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront taghhom; billi fit-tieni lok tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti GasanMamo Insurance Agency Limited u dan minnghajr pregudizzju ghal kull obbligu li l-istess socjeta assikuratrici jista kollha fil-konfront tal-assikurati taghha GA Services Limited; billi fit-tielet lok tichad in parte l-eccezzjonijiet li fadal tal-konvenuti GA Services Limited u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u billi fir-raba tilqa in parte t-talbiet tal-attrici u dan skond kif indikat fil-korp ta’ din s-sentenza. B’hekk tiddikjara l-konvenuti GA Services Limited u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma in parte responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u dana kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) u ghalhekk responsabbli ukoll in solidum bejnithom ghal hlas lill-attrici ta’ tmenin fil-mija (80%) tad-danni liema danni qed jigu likwidati fis-somma ta’ elf u hames mija u ghoxrin liri maltin (Lm1520) ekwivalenti ghal tlett elef hames mija u erbghin punt hamsa u sittin euro (€3540.65) u tikkundanna lill-istess zewg konvenuti jhallsu in solidum bejnithom lill-attrici s-somma ta €3540.65 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez jithallsu kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-konvenuti GA Services Limited u Korpoazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma in solidum benithom bl-eccezzjoni tal-ispejjez rigwardanti l-konvenuti GasanMamo, Direttur tat-Toroq u Kunsill Lokali Rabat li ghandom ithallsu mill-attrici..

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------